MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1652/2002

**A to Z Electronics Limited**

**Vs**

**Jon David Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm 200 (mitejn lira Maltin) rappresentanti rifuzzjoni ta' depositu mhallas fuq ftehim ta' bejgh li sar bejn il-partijiet fis-6 ta' Lulju 2001, akkont tal-prezz globali ta' Lm 489.09 (erbgha mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha centenzmi) kif indikat fl-anness Dok A.

Illi l-bejgh qatt ma gie konkluz u l-kunsenja ta' l-oggetti mibjugha baqa qatt ma saret lis-socjeta attrici u allura huwa dovut lura l-istess depositu mhallas kif fuq premess.

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata thallas dan l-ammont diversi drabi izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Mejju 2002 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-hlas tad-depositu (06.07.01) sad-data tar-rifuzzjoni.

B’ riserva ghall kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lill-Dr. Ian Spiteri Bailey jikkonferma bill-gurament li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza u li l-ispejjes huma dovuti.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici ghall-ispejjes ta’ din il-kawza.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**